MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 463/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Settembru 1991 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li fit-23 ta’ Mejju 2008 huma ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta’ l-attrici fit-termini tal-paragrafu [c] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob min din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-7 ta' Settembru 1991 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Settembru 1991 meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 34 sena.

Wara z-zwieg l-attrici skopriet li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob, bir-rizultat li, ghalkemm it-tnejn kienu jahdmu, il-flus ma kienux iservuh lill-konvenut. Jghid li, filwaqt li kellu paga ta' LM450, huwa gieghli kien jissellef brevi manu ammonti ta' LM200 jew LM300 sabiex ikun jista' jilaghab. Huwa kien jilaghab fuq il-kaxxi tal-loghob u kellu vizzju qawwi ghall-loghob ta' l-azzard.

Dan il-vizzju kien sors ta' inkwiet matrimonjali qawwi bejn il-partijiet, bir-rizultat li dawn kienu jiggieldu kontinwament ghax il-flus ma kienux iservu. Gieli l-konvenut kien jittallab il-flus minghand ommu, u minghand il-hbieb taghhom.

L-attrici tghid li hi damet tissaporti hafna din il-hajja, u li, kagun ta' dan il-vizzju, il-hajja matrimonjali ma kinitx wahda felici. Tghid li l-att taz-zwieg kien isir mhux ghax kienet kuntenta imma "meta kien jersaq, dejjem baxxejt rasi…… mhux ser nghidlu ma rridx"[1].

L-attrici tghid: "Jien ghamilt minn kollox biex nghin lil zewgi jeghleb dina l-problema, izda qatt ma rnexxhieli, u

[1] Dep. fol.19

avolja kont tlabtu jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni, huwa ma riedx u ghalhekk hadt id-decizjoni li nissepara."[2]

Il-konvenut minn naha tieghu kkonferma l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, u senjatament li, sa minn qabel iz-zwieg, huwa kellu l-vizzju tal-loghob izda lill-attrici f' dak iz-zmien ma kien uriha xejn. Kien wara z-zwieg li dina skopriet bil-vizzju tieghu meta l-kredituri kienu jmorru jhabbtu wara biebhom, u hu dejjem kien jittallab il-flus, nonostante li kellu mpieg regolari.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz jirrizulta manifest li fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu l-konvenut kien affett minn vizzju li kien ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jghixu f' unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku; rizultat ta' din id-dipendenza huwa kien inkapaci li jassumi l-obbligi matrimonjali. Dan gab hafna nkwiet u mrar fiz-zwieg ta' bejn il-partijiet, li eventwalment wassal ghas-separazzjoni de facto, wara li l-konvenut kien irrifjuta li jiehu ghajnuna professjonali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, u li dan il-caput nullitatis jezisti fil-konfront tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Settembru 1991.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Aff. Fol.25